

Brussell, 14 ta' Jannar 2025
(OR. en)

17010/24
COR 1

CDR 220

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030 u li temenda d-Deċiżjoni (UE) .../... - Adozzjoni

Fil-paġna 3, in-numerazzjoni tal-paragrafi għandha tkun kif ġej:

7. Barra minn hekk, il-Gvern Daniż ippropona¹ li s-Sur Jan Riber JAKOBSEN jinħatar bħala membru tal-Kumitat tar-Regġuni u s-Sur Piet Papageorge TIMMERMANN jinħatar bħala membru supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030. Huwa ppropona wkoll li s-Sur Karsten Søndergaard NIELSEN, li qabel kien inħatar bħala membru supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030, jinħatar minflok bħala membru tal-Kumitat tar-Regġuni għall-istess perjodu.

¹ 17032/24.

- 8.** Barra minn hekk, wara r-riżenja² tas-Sur Federico ROMANI, li qabel kien inħatar bħala membru supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030, il-Gvern Taljan ippropona³ li s-Sur Giovanni MALANCHINI jinħatar bħala membru supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni għall-istess perjodu.
- 9.** Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument 17009/24 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.
- 10.** Il-ħatra tal-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni bid-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument 17009/24 ser tiġi segwita f'data aktar tard bil-ħatra ta' membri u membri supplenti oħra, li fir-rigward tagħhom il-proposti għall-ħatra ma ġewx ikkomunikati lill-Kunsill mill-Istati Membri qabel il-31 ta' Diċembru 2024.
-

² 5210/25.

³ 5105/25.